MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 7/2012

AB

**-vs-**

**Dr. Anthony Cutajar u l-PL Peter Sammut b'digriet tat-28 ta' Gunju 2012 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti XB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi r-rikorrenti zzewwgu nhar it-tmintax (18) ta’ Lulju tas-sena elfejn u tlieta (2003) f’Las Vegas, Nevada, L-Istati Uniti tal-Amerka, hekk kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala ‘Dokument A’;

2. Illi nhar is-sebgha (7) ta’ Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008), ftit wara li l-partijiet gew jghixu f’Malta, l-att taz-zwieg sureferit gie rregistrat fir-Registru Pubbliku ta’ Malta fuq rikjesta tal-partijiet hekk kif jidher mic-certifikat hawn anness u mmarkat ‘Dokument B’;

3. Illi f’Malta huma kienu jghixu fi proprjeta mikrija , u lanqas ghandhom ebda assi in komuni;

4. Illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet ma kellhomx ulied;

5. Illi l-intimat abbanduna lir-rikorrenti minghajr ebda raguni ftit jiem wara r-registrazzjoni taz-zwieg f’Malta, f’Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008), billi habta u sabta telaq minn Malta u ilha minn dak iz-zmien ma tarah jew tisma minghandu, u m’ghandiex lok fejn tista` tikkuntatjah;

6. Illi in segwitu ghall-ittra bin-numru 1445/2011, ir-rikorrenti giet debitament awtorizzata tipprezenta dan ir-rikors permezz ta’ digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti datat hmistax (15) ta’ Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) bin-numru 2109/2011 hawn anness u mmarkat bhala **‘Dokument C’**

7. Illi f’dawn ic-cirkostanzi, wara li zewgha ilu aktar minn tliet (3) snin li abbandunaha, ir-rikorrenti tixtieq tipprocedi bis-separazzjoni personali minn ma’ zewgha;

8. Illi r-rikorrenti taf b’dawn il-fatti personalment u ghaldaqstant qieghda tipprocedi b’din il-kawza.

   Talbet ghalhekk li l-konvenut jghid ghaliex din il-qorti m’ghandiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien hekk prefiss minn din l-Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku (Art. 66A(4), Kap. 16) ;
2. Tapplika kontra l-intimat it-telfien tal-jedd li jircievi manteniment minghand ir-rikorrenti u kif ukoll it-telfien tal-jedd ta' successjoni;
3. Tiddikjara u tordna li l-intimat tilef kull jedd ta' abitazzjoni fir-residenza tar-rikorrenti;
4. Tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubitha Portelli.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici ;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati li in forza taghha huma ppremettew :

1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edott mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri fi stadju iehor tal-proceduri, meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mal-assenti minnhom rapprezentat. F'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti sabiex tipprovdilhom kull indirizz inkluz dak elettroniku u/jew numru tat-telefon tal-assenti sabiex ikunu jistghu jikkomunikaw maghha.

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati.

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici tat-13 ta' Novembru 2012;

Rat id-digriet tal-Qorti tal-15 ta' Mejju 2013 ;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi l-partijiet lahqu ftehim ghal separazzjoni bonarja liema ftehim gie approvat mill-Qorti u rat illi n-Nutar Sharon Faith Farrugia permezz ta’ nota tat-18 ta’ Frar, 2014 ipprezentat kopja awtentikata tal-kuntratt ta’ separazzjoni personali bejn il-partijiet minnha pubblikat fl-4 ta’ Frar, 2014 ;

Rat il-verbal taghha tal-25 ta’ Frar, 2014 illi permezz tieghu astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni, it-tielet u r-raba’ talbiet attrici ;

Semghet lill-attrici  tixhed bil-gurament taghha u semghet lill-konvenut prezenti fl-awla jiddikjara permezz tal-avukati difensuri tieghu li m’ghandu l-ebda oggezzjoni illi jigi ppronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet ;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti ;

Rat l-artikolu 66B tal-Kap. 16 ;

Rat l-atti kollha ;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprovat illi il-partijiet ilhom de fact separati ghall-aktar minn erba’ snin;

Illi hija ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda possibilita ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda manteniment dovut;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra ir-rikorrenti A B.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------